

# Il-Festa ta' Santa Marija

GIOVANNI DE MARTINO

*Kulħadd jaqbel li l-festi hawn Malta huma popolari ħafna. Huma parti mill-kultura u t-tradizzjoni tagħna l-Maltin. L-eluf ta' nies li jmorru għall-festi u l-eluf ta' lira li jintefqu f'dawn il-ġranet jikkonfermaw dak li qed ngħid. Il-festi n-nies tħobbhom. In-nies iħobbu l-festi bil-baned tagħhom, bil-qniepen tagħhom, bil-murtali tagħhom u bil-briju kollu tagħhom. Aħna poplu Mediterranju u l-briju u l-istorbju nħobbuh. U b'daqshekk ma jfissirx li aħna inferjuri għan-nordiċi li iżjed qishom robots milli bnedmin umani. U l-festi huma popolari mhux biss mil-lat materjali tagħhom imma wkoll mil-lat spiritwali. L-eluf ta' fidili li joħonqu l-knejjes għall-quddies u għat-tqarbin; l-eluf li jaraw il-purċissjoni, jakkompanjaw l-istatwa u jieħdu sehem fil-funzjonijiet, juri ċar li anqas l-ispitiwalità m'hi nieqsa fil-festi.*

*Il-festi huma popolari kollha imma żgur li jekk hemm xi festa li tispikka fuq l-oħrajn, din hija l-festa ta' Santa Marija. U minn se jmerini jekk ngħid li hawn il-Mosta nagħmlu festa bil-kbir, sena waħda wara l-oħra?*

*Malli jibda dieħel is-sajf u l-ispirtu tal-festa jibda qisu jinħass fl-arja, jibda mill-ewwel il-qrid tan-nisa! Tinduna li tkun ġejja l-festa. Għax in-nisa Maltin huma delettanti ħafna ta' djarhom u għall-festa jkunu jridu kieku jagħmluhom isbaħ. Kemm jekk ikollhom villa kif ukoll jekk ikollhom appartament mill-iżjed mod-est, in-nisa Maltin jivvintaw kif jagħmluh dejjem isbaħ. U jeħel magħhom ir-raġel!*

*Malli r-raġel jiġi lura mix-xogħol, il-mara wara li tagħtih it-tè twaqqa' mill-ewwel id-diskors fuq il-festa u tistagħġeb kemm tkun tkagħbret il-faċċata tad-dar, x'tibjida nobis għandha bżonn id-dar kollha għax kollha moffa u kemm qed iġiegħlha tistħi l-bieb ta' barra għax iż-żebgħa telgħet bżieżaq bżieżaq tant li anki Karmni ta' ħdejhom innutatu u qaltilha li jekk ma jaħarquhx ħarqa tajba u jġibuh injam kollu ta' xejn jagħmlu x'jagħmlu. Hekk għamel ir-raġel tagħha u mbagħad tah tliet passati żebgħa u tgħidx kemm ġie sabiħ.*

*U l-għada r-raġel isib li l-mara tkun ġa xtratlu partita żebgħa u pinzell u "tinsiex tgħaddi tħallsu lil Joe". U allura r-raġel wara ħafna posponimenti jkollu bil-qalb it-tajba jxammar u jibda' jiżbgħoh. U bħal ma nafu, ħaġa ġġib lill-oħra u wara t-tibjid tal-ħitan, l-aperturi jibdew jidhru koroħ u jkollu jagħtihom lagħqa lilhom ukoll. Umbagħad kif ikunu fiż-żifna jkollu jibdel xi vit li jqattar, xi serratura li qed teħel, is-sedil tat-toilet, xi mera li ttebbgħet u anki xi linfa li 'tistħi tħares lejha'. U l-mara issa mhux se tħalli dawk 'l-għarukaża ta' purtieri' jew dak it-tapit li tilef il-kulur kollu. U s-sufan? Allaħares ikollhom jiġu n-nies id-dar u jarawh! U x-xogħol flok xahar jieħu tlieta u l-ispejjeż il-Bambin biss jaf.*

*Sadattant il-baned ikunu qegħdin jikkunċertaw il-marċi u l-programmi mużikali tagħhom. Minn fuq il-bejt, meta jkun riħ fuq, nieħu pjaċir nisma' n-noti sbieħ tal-Madame ġejjin ma' l-arja u mal-Bimba degli occhi pieni di magia niftakar meta jien ukoll, fuq l-Arkata, xtaqt kont tenur. U waqt li l-banda tibqa' tikkunċerta, il-ħafna żgħażagħ ta' l-armar ikunu qegħdin jagħmlu ħafna laqgħat ħalli jistudjaw sewwa s-sitwazzjoni u jfasslu l-istrateġija.*

*Allura fi żmieni, aħna, meta konna għadna teenagers, ma kienx hawn il-ġid li hawn illum. Allura aħna, minn xhur qabel, konna naraw kif nikkonvinċu lill-ġenituri tagħna jagħmlulna tibdila sħiħa għall-festa. Mhux il-bniet biss, li m'għandniex xi ngħidu għall-festa jkunu jridu jidru isbaħ, imma anki aħna s-subien f'dik is-sħana taqli ta' Awissu konna nqattgħu ġranet sħaħ bil-ġlekk u l-ingravata ħalli nidhru puliti. U ħa jċarċar l-għaraq!*

*La l-libsa u anqas iż-żarbun ma konna nixtruhom lesti. Kienet tisbaħ ġurnata u ommok tgħidlek: Issa wara l-iskola aqbeż qabża s'għand Karmnu ħa joħodlok il-qies għal-libsa. U int, ferħan ferħan, taħrab għal għand Karmnu malli tasal lura mill-iskola. Karmnu jitbissimlek, iġib l-inches u jibda jdawrek 'l hawn u 'l hinn u jeħodlok il-qisien. Kull qies iniżżlu fuq pitazz. L-istess kien jagħmel l-iskarpan. Ipoġġilek sieqek fuq kartuna u jħażżeż il-forma tas-sieq. Joħodlok xi erba' qisien u hu wkoll iniżżel fuq il-pitazz. U wara li tmur iġġarrab il-libsa xi darbtejn, jumejn qabel il-festa tmur tiġbor kollox ħalli jkollok x'iżżanżan.*

*Issa li l-festa tkun qorbot sewwa tibda tara fit-toroq gajjijiet ta' żgħażagħ jorbtu, jiddendlu, jarmaw, iħaffru u jġorru: arbli, bandieri, bozoz, fjuri u elf ħaġa oħra.*

*Avventura mill-isbaħ kien ikollna l-pjazza taħt il-planċier li kien jintrama' biex fuqu l-banda tesegwixxi l-programm mużikali li jkun ilha xhur sħaħ tikkunċerta u li normalment ma jkunx hemm iżjed minn tużżana nies li jmorru jisimgħuh. Taħt dan il-*



*Tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku armata għall-festa ta' Santa Marija 1954. Fuq il-lemin jidher il-Każin Santa Marija*



planċier aħna konna nilagħbu kull xorta ta' logħob skond l-etajiet tagħna. Hemm taħt ukoll kienu jinħbew xi żewġt irġiel għażżenin li kienu jkunu jridu jgħixu bl-akkarija. Kien ikollhom speċi ta' tilar żgħir bil-għatu tal-ħġieġ. Ġo dan it-tilar kien ikollhom partita pakketti tas-sigaretti ta' l-għaxra li llum m'għadhomx jeżistu. Kien ikollhom ukoll kartuna bin-numri mill-wieħed sas-sitta u aħna t-tfal li sadattant inkunu nġbarna madwarhom konna npoġġu munita - jidhirli tliet soldi - fuq in-numru li nagħżlu aħna waqt li r-raġel idawwar iċ-ċippitatu u jdabbar rasu. In-negozju tiegħu kien illegali. Tikber naqr' oħra u taħt il-planċier jibda jintuża għal skopijiet oħra. Il-ħuttaba kienet ġa spiċċa żmienha. U tibqa' taħt il-planċier sakemm tagħmel kuraġġ biżżejjed li toħroġ fit-triq biex turi l-futura mara tiegħek. Kien żmien kollu ħabi.

Fil-pjazza kienu jarmaw dawk il-gabbani li ssib illum kull fejn jinġabru l-folol. X'differenza imma! Tal-lum kulħadd jaf kif inhuma: kollox aluminju, kollox nadif u modern, magni kontra magni, dwal ... kollox mill-aqwa. Dak iż-żmien dawn il-gabbani kienu jikkonsistu f'kaxxi kbar ta' l-injam qishom speċi ta' artali, b'partita globi tal-ħġieġ mimli ilma kkulurit b'xi fanal tal-mantle. Umbagħad partita flixken huma wkoll mimlijin b'xi luminata kulurita u li aħna konna nsejħula ruġġata u nistagħġbu kemm tkun tajba. Dak kollu. U naturalment tal-qubbajt. Ma timmaġinax festa bla qubbajt. Hafna minn dawk tal-qubbajt kienu jorqdu imgeżwrin f'liżar taħt il-mejda tagħhom stess. Ikun is-sajf. Allura darba wieħed minn sħabi tal-gaj lemaħ partita biċċiet tal-qubbajt imgeżwrin f'karti kuluriti taħt il-mejda u x-xitan sefsiflu biex jisraq biċċa. Ma ndunax dan seħibna bir-raġel mimdud hemm taħt. Resaq baxx baxx lejn il-mejda u beda jmattar driegħu minn bejn il-kanvas li l-mejda jkollha quddiemha. Il-qubbajt ma kienx 'il bogħod, imma s-sid kien qed jara kollox u hekk kif dan seħibna kien wasal biex jaħtafha, laqqat daqqa t'injama fuq idu li żgur dam xhur sħaħ iħossha. Jidhirli li qiegħed l-Awstralja.



**Il-Billiard fil-festa ta' Santa Marija fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin**

L-ikla ta' nofsinhar kienet tkun speċjali. Illum ħadd m'hu mxennaq minn xejn. Illum tiftaħ il-freezer u tieħu li trid. Dak iż-żmien tiġieġa kienet tittiekel biss f'Santa Marija jew meta xi ħadd ikollu tarbija. Ommok allura kien ikun ilha xahar sħiħ tixtri ftit ftit u tipprepara għall-ikla tal-festa. U taħt is-sodda għall-frisk aktarx kien ikun hemm xi dulliegħa li tinqasam għall-okkażjoni. Għax dak iż-żmien iċ-ċans li ssib dulliegħa tajba kien żgħir ħafna u fridges ma kellniex. Biex inżommuha friska konna npoġġuha taħt is-sodda jew indendluha fil-bir. U mhux l-ewwel darba li xi ħadd imur itella' l-ilma mill-bir u jitfa' kollox fil-qiegħ! Niftakar irġiel xjuħ jien, li kienu jaħilfu li jekk id-dulliegħa taqsamha u tqegħedha għal għajn ix-xemx tiffriska. Kif ivvintawha din ma nafx.

Ikla tajba, biċċa dulliegħa, xarba nbid għall-kbar u ftit luminata għat-tfal, ftit tpaċpiċ u xi żewġ sigaretti u nagħsa ħelwa fis-sħana ta' Awissu. Il-kbar dejjem. Għax aħna la konna npejpu d-dar u l-anqas norqdu wara nofsinhar. Il-festa konna rridu ngawduha allura ma' l-aħħar gidma ħobż naħarbu 'l barra. X'ħin jibda joqrob il-ħin tal-purċissjoni nerġgħu mmorru d-dar, ninħaslu, inbiddlu u nilbsu kollox ġdid għall-festa. Dilka tajba ta' żejt jew cream f'xagħarna u nlebbtu 'l barra ħalli niltaqgħu ma' sħabna u ngawdu l-aħħar naqra. It-tfal naturalment jiltaqgħu ma' tfal bħalhom uż-żgħażagħ maż-żagħżagħ. Hafna familji Mostin jafu l-bidu uffiċċjali tagħhom għal din il-festa popolari u għażiża għalina lkoll. Hafna żgħażagħ li kienu jkunu ilhom żmien twil iħarsu lejn xulxin, fil-festa kienu jsibu kuraġġ biżżejjed biex jersqu lejn xulxin, jaqbdu id f'id u jwegħdu mħabbithom lil xulxin. U t-tnejn li jkunu issa jitilqu 'l ħbiebhom u jfittxu biss lil xulxin.

Sadattant il-purċissjoni tibda ħierġa, il-qniepen jimlew l-arja bin-noti ferrieħa tagħhom, il-baned u l-murtali jżidu l-briju kbir li sadattant ikun ħakem il-pjazza u t-toroq prinċipali tal-Mosta. U dan il-briju jasal fil-qofol tiegħu hekk kif l-istatwa għażiża ta' l-Assunta tfeġġ fil-bieb tal-knisja.

U waqt li l-purċissjoni devota tkompli ddur mat-toroq tal-Mosta, eluf ta' nies iżuru l-ħwienet biex flimkien ikomplu jiċċelebraw din il-festa li tiġi darba f'sena u li tnessina ħafna mid-differenzi ta' bejnietna. U kulħadd jibqa' hemm jistenna biex jara lil Marija Assunta terġa' tiġi lura, tieqaf fuq iz-zuntier, iddur wiċċa 'l barra u tbierek lil Mostin kollha qabel ma terġa' ssib ruħha fir-Rotunda tistenniena nkomplu mmorru inżuruha hemm.